# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tat-tnejn u erbgħin (42) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Erbgħa 21 ta' Diċembru, 2011 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati unanimament

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

**4. Diskussjoni kollettiva li ġew imsemmija dawn il-punti.**

4.1. Ġie maqbul li issir default notice lis-Sur Ricky Caruana jekk ġaladarba dan ma jagħmilx ix-xogħol meħtieġ ta' manutenzjoni fuq is-sit ta fejn il-mina liem sit qiegħed jieħu ħsiebu hu minajr spejjeż.

4.2. Is-Sur Mizzi talab għal spjegazzjoni għaliex għandna xi kontijiet pendenti li ilhom pendenti għal ħafna ġimgħat. Is-Segretarju qal li bħalissa għandna kontijiet pendenti tax-xahar li għadda li fejn qegħdin nistennew li tidħol it-trunch ta' l-allokazzjoni ta' Jannar u nkunu nistgħu ngħadduhom minnufih. Is-Sur Mizzi semma partikolarment il-kont tas-Social Security tad-dawl fejn talbuna biex inħallsuh aħna ġaladarba qiegħdin nużaw il-binja aħna. Is-Segretarju ikkonfermalu li dak wieħed mil-ewwel kontijiet li ser joħorġu pero is-Social Security iridu jagħmlu ic-change of Tenancy form mal-Enemalta.

4.3. Saret diskussjoni ta' kif il-fondi tal-Kunsill spiċċaw daqshekk limitati. Is-Sindku wieġed u qal li kellna laqgħa mal-Onor. Chris Said fejn qalulna li għat- toroq ma jistgħux jgħaddulna flus iktar fl-2011 minħabba kwistjoni ta' budget għahekk il-Kunsill kellu joħroġ ammont kbir fi spejjeż ta' toroq sakemm jgħaddulna il-kumplament tal-fondi. Il-ftehim kien li jiġu mgħoddija l-ammont ta' €300,000 fuq sentejn pero s'issa €150,000 biss għaddew allura għad hemm x'nirċievu €150,000 oħra. Madanakollu kienu qalulna li rridu nistennew sas-sena l-ġdida.

**5.Approvazzjoni ta' ordnijiet ġodda.**

5.1. Ġie maqbul li jiġu mgħoddija l-allowance tal-Kunsilliera skond ir-regoli u minn ta' Nadia Zammit jinqatgħu €100 minħabba li kienet assenti f'laqgħa tal-Kunsill.

**6. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-Pagamenti ma għaddewx minħabba li għad hemm xi pagamenti pendenti minn tax-xahar ta' qabel. Għalhekk il-pagamenti ta' dan ix-xahar jiġu mgħoddija fix-xahar li jmiss.

## 7. Affarjiiet oħra

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 8. Konklużjoni

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |